# Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi

***kitba ta' Mario Fenech***



Il-Kult Marjan fil-gżira Għawdxija huwa wieħed qawwi ħafna u bosta huma dawk il-knejjes, kappelli, statwi u niċeċ b'tema Marjana, li wieħed jiltaqa' magħhom meta jżur din il-gżira. Ma jistax jonqos li fost it-titli li hija mżejna bihom l-Madonna f'dawn iċ-ċentri Marjani jkun hemm dak tal-Karmelu.

Fix-Xlendi niltaqgħu ma' knisja ħelwa li ġiet mibnija bejn is-sena 1864 u s-sena 1868 bil-flus tan-Nutar Nicolò Cauchi fuq biċċa art li kienu offrew b'xejn, il-Patrijiet Karmelitani. Kien għalhekk li din il-knisja ġiet iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Il-pjanta tal-knisja saret mill-Perit Klement Busuttil mir-Rabat.

Kellha kampnar wieħed fuq in-naħa ta' wara. Fih tpoġġiet qanpiena fl-1868 li nħadmet fil-funderija ta' Salvu Cauchi u wliedu f'Għajn Dwieli, l-isem tagħha huwa ddedikat lill-Verġni Marija Immakulata.

Meta fl-1958 fil-Fontana kienu qegħdin isiru sett qniepen ġodda din il-qanpiena kienet ġiet meħuda għal xi żmien hemmhekk sakemm waslu l-qniepen. Fil-kampnar hemm żewġ qniepen li għandhom storja interessanti, waħda minnhom qabel kienet fiċ-Ċimiterju tal-Kruċjati li kien hemm mal-ġenb ta' Pjazza Santu Wistin fir-Rabat Għawdex, li kien tneħħa biex minfloku ġie mibni l-Oratorju Don Bosco. Din il-qanpiena hija xogħol ta' ditta Ingliża u fuqha hemm il-kitba, "Mizar Rotterdam" u l-isem tagħha huwa "Anjeze".

Il-qanpiena l-oħra qabel kienet fil-Knisja ta' San Ġużepp tas-Suq fir-Rabat Għawdex li ġiet imwaqqgħa fl-1959 sabiex titwessa' Pjazza San Ġorġ. Dak iż-żmien ir-Rettur tal-Knisja tax-Xlendi Dun Anton Grech, kien ukoll Rettur tal-Knisja ta' San Ġużepp tas-Suq għalhekk dan ħataf l-okkażjoni u ġab din il-qanpiena għall-knisja tax-Xlendi. Fuqha hemm ix-xbiha ta' San Ġużepp u d-data 1798.

Fil-knisja hemm ukoll statwa tad-Duluri li bħall-qanpiena li għadna kemm semmejna qabel kienet fil-Knisja ta' San Ġużepp tas-Suq. Inġiebet fl-1959 u tpoġġiet f'niċċa taħt il-gallarija ta' l-orgni, fejn damet sas-sena 1967, meta b'ordni tal-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol G. Cauchi, dak iż-żmien Amministratur Appostoliku għall-Għawdex, din l-istatwa tneħħiet mill-knisja. Minn flokha tpoġġa kwadru ta' l-Addolorata sakemm fl-1977 inġiebet statwa oħra li kienet għand il-familja Farrugia mir-Rabat Għawdex.

Il-knisja kienet tintuża mill-ftit nies li jgħixu fl-inħawi, bosta minnhom sajjieda u bdiewa. Matul ix-xhur sħan tas-sajf il-knisja kienet tintuża wkoll



minn dawk li kienu jinżlu lejn il-bajja tax-Xlendi għall-villeġġjatura. Maż-żmien l-inħawi ta' madwar il-bajja tant żviluppaw li l-knisja bdiet tinħass li qed tkun żgħira wisq biex taqdi l-bżonnijiet spiritwali tannies bil-kumdità.

Ġie deċiż li din kellha tiġi mkabbra u nhar is-17 ta' Awissu 1969, jumejn wara l-festa ta' Santa Marija, tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-bini tat-tkabbir tal-knisja. Il-pjanti saru mill-Perit Joseph Dimech. Il-bennej kien Karlu Vella.

Ġiet ikkonsagrata solennement nhar l-10 ta' Awissu 1974, mill-Isqof ta' Għawdex l-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol G. Cauchi.

Il-parti l-ġdida tal-knisja fiha sitt twieqi kbar, filparti ta' isfel tagħhom hemm impinġija fuq it-tila l-Ferħat tal-Karmnu. Dawn huma, it-Tħabbira ta' l-Anġlu, iż-Żjara lil Santa Elizabetta, it-Twelid u l-Epifanija ta' Ġesù, Kristu Rxoxt jidher lil Marija Ommu, l-Inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli, u t-Tlugħ u l-Inkurunazzjoni tal-Madonna fis-Sema.

Il-kwadru titulari tal-knisja huwa ta' l-artist Salvatore Micallef, sar fl-1868 u fih naraw lill-Madonna bil-Bambin qiegħda tagħti Labtu lil San Xmun Stock.

L-istatwa tal-Madonna nġiebet minn Milan b'wegħda wara li n-nies ta' l-inħawi kienu ħelsu mill-qilla tal-baħar waqt maltempata li nqalgħet bejn is-26 u s-27 ta' Awissu 1964. Din l-istatwa tinħareġ proċessjonalment fil-festa li ssir fl-ewwel Ħadd tax-xahar ta' Settembru.

Fil-knisja hemm ukoll kwadru ta' San Ġużepp li kien ġabu fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin it-tieni Rettur tal-Knisja Dun Giovanni Maria Attard minn Sannat. L-istatwa ta' San Ġużepp li wkoll issir il-festa tiegħu fix-xahar ta' Mejju saret mill-istatwarju Għawdxi l-Kavallier Wistin Camilleri. L-istess statwarju għamel il-kurċifiss li jintuża waqt il-funzjonijiet li jsiru fil-jiem tar-Randan Imqaddes. Fl-1987 saret statwa ta' San Ġużepp tal-konkrit għal fuq iz-zuntier tal-knisja.

Ir-rettur attwali ta' din il-knisja huwa l-Kan. Giovanni B. Cremona li matul dawn l-aħħar snin ħadem bis-sħiħ biex kompla jgħammar il-knisja b'opri sbieħ u fuq kollox ħadem biex twaqqfu diversi gruppi ta' nies biex flimkien jaħdmu għall-ġid spiritwali tal-komunità tax-Xlendi kemm fix-xhur xitwin meta l-lokal ikun kważi vojt, kif ukoll fis-Sajf meta l-knisja tax-Xlendi tkun mimlija bin-nies li jmorru għal ftit taż-żmien f'din il-lokalità sabiħa fil-gżira Għawdxija.

just paints

THE COMPLETE PAINT CENTRE

Bastion Street, Fgura • Tel: 822668




Mon-Fri: from 8.00 to 1.00 & from 4.00 to 7.00; Sat: from 8.00 to 1.00